**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 515/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Eugenio Buhagiar**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Eugenio Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 293360M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Ġunju, 2012 għall-ħabta tat-02:50 ta' wara nofsinhar ġewwa Triq Ħaż-Żebbug, Attard: 1) B'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta'

ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna ta' Rosario Carabott minn Attard skont kif iċċertifikat Dr. Colin Mizzi; 2) Aktar talli saq vettura bil-mutur tal-għamla Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni EBN 879 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-5 ta' Novembru, 2015 li biha sabet lill-imputat ħati u kkundannatu piena ta' tliet (3) xhur priġunerija sospiżi għal tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenżja tas-sewqan tal-imputat għall-perjodu ta' sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu u tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija, u b'mod sussidjarju li jogħġobha, prevja okkorrendo billi tiddikjara u ssib illi kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-parte leża Rosario sive Louis Carabott, **tibdel** u timmodifika s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-piena inflitta billi tnaqqas tali piena kemm għal dak li jirrigwarda l-piena fiha nnifisha u kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-perjodu ta' skwalifika mil-liċenzja tas-sewqan;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw investiment involontarju ta' persuna minn vettura misjuqa mill-imputat li jillanja s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tieghu bi gravam dwar l-apprezzament tal-provi u iehor rigward il-piena kominata mill-ewwel Qorti. L-accident sehh fi triq principali li minn H'Attard taghti ghall-Haz Zebbug bil-parti civile qed jaccedi ghall-vettura tieghu parkeggjata fuq in-naha tajba tat-triq direzzjoni Haz Zebbug filwaqt li l-imputat gej bil-vann tieghu minn wara;

2. Ezaminati l-atti processwali, s-segwenti hija sintesi tad-deposizzjonijiet tax-xhieda. **PS 1131 Justin Camilleri** xehed li fuq il-post tal-inċident sab lil Rosario Carabott quddiem il-karozza tiegħu mal-art u l-vann ta' Eugenio Buhagiar ipparkjat naqra iktar 'l isfel. L-imputat spjegalu kif kien qed isuq il-vann tiegħu fil-lane direzzjoni lejn Ħaż-Żebbuġ u ra l-persuna ta' Rosario Carabott jiftaħ il-bieba tax-xufier, għamel pass lura bil-konsegwenza li laqtu bil-mera tal-vann. Kien hemm il-mara tas-sur Carabott preżenti pero' kienet aġitata ħafna u għalhekk ma kellimhiex dak il-ħin. Il-vettura tas-Sur Carabott ma kellha ebda ħsara, il-bieba tal-karozza tal-parte

civile kienet magħluqa u ċ-ċwievet tal-istess karozza nstabu ferm iktar 'l isfel. Is-Sur Carabott spjegalu li kien qed idur mal-karozza, sejħitlu l-mara tiegħu li kienet fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq u x'ħin dar biex jara għalxiex kienet sejħitlu, ħass daqqa u ma jiftakarx iktar minn hemmhekk;

3. Il-parte civile **Rosario Carabott** xehed li kien ipparkeggjat fit-triq bejn Attard u Ħaż-Żebbuġ, preċiżament ftit 'l fuq mill-"benniena" u kienu għadhom kemm lestew qadja hu u l-mara tiegħu. Kien għadu quddiem il-karozza tiegħu, ħdejn il-fanal meta ħaseb li għajtitlu l-mara tiegħu li kienet fuq in-naħa tal-passiġġier ħdejn il-karozza. F'daqqa waħda ħass daqqa, għola u nstabat mat-tarmac u ġie wiċċu 'l isfel quddiem il-karozza. Iċ-ċavetta tal-karozza kienet għadha f'idejh għax hu kien għadu ma fetaħx il-bieba tal-karozza u din sabuha l-Pulizija ġo għalqa. Kkonferma kemm–il darba li huwa ma kienx laħaq fetaħ il-bieba tal-karozza għax kien għadu quddiem il-karozza tiegħu;

4. **Mary Carabott,**mart il-parte civile, xehedet illi waqt li kienet qed tistenna lil zewgha jiftaħ il-karozza, meta kien għadu ħdejn il-fanal [ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura], rat trakk ġej, u f'daqqa waħda rat lir-raġel jogħla, jaqa' u jimtedd mal-art. Dak il-ħin semgħatu jgħid ajma, sar abjad karti u ħasbitu li miet. Tghid li rat lit-trakk gej '*sparat, splodut'* (fol 87) u tkompli tispjega li għaliha l-veloċita' li kien għaddej biha kienet ħafna u mhux per eżempju bit-35,40, għax sab ruħu fuq ir-raġel tagħha f'daqqa. Tikkonferma ħafna drabi

li r-raġel tagħha kien ħdejn il-fanal tal-karozza meta laqtu l-appellant.

5. **L-imputat** xehed li waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu*,* fuq in-naħa tax-xellug kien hemm karozza bil-bieba miftuħa u bid-driver taghha qed ikellem lill-mara tiegħu, '*eye to eye*". Spjega li dan il-persuna ikellem lill-mara kien u jkellem lill-mara baqa'. *Fol 153.* Jinsisti li l-bieba kienet miftuħa u li huwa rah jiddiskuti mal-mara tiegħu u rah jiftaħ il-bieba u joħroġ 'l barra magħha. Jgħid li l-impatt kien mal-mera tal-vann tiegħu għax dik kienet l-unika ħsara li sostna l-vann. Ilu jsuq minn mindu kellu tmintax-il sena u li kien għaddej bejn 20 jew 30 mil fis-siegha pero' aktar tard ikkonceda li kien bejn 30 u 35 mil fis-siegha wara li konfrontat bit-tul tal-*brake marks*;

6. Dawk kienu x-xhieda kwantu d-dinamika tal-incident. Dwar l-offizi subiti mill-parte civile xehedu s-segwenti: **Dr Colin Mizzi M.D.** l-ewwel tabib li kien ra lis-sur Carabott fl-emerġenza ddeskriva t-tbenġil li kellu fuq in-naħa tax-xellug kemm fuq ġenbu u għajnejh. Is-Sur Carabott kien għamel ġimgħa l-isptar u l-ġrieħi kienu klassifikati bħala gravi għaliex kellu emorraġija interna u l-emorraġija kienet kostanti; **Dr Rene Camilleri M.D**. xehed dwar il-ġrieħi li sofra Rosario Carabott u spjega li inizzjalment kien stabbli pero' tbaxxietlu l-pressjoni għax kien hemm emorraġija akuta u kellhom joperawh malajr biex titwaqqaf l-emorraġija interna; **Profs Kevin Schembri** spjega dwar l-intervent urgenti li kellu jaghmel fuq Rosario Carabott wara li ssubixxa '*an impact*

*injury'*. Għalkemm il-kundizzjoni ta' Rosario Carabott hija tajba, xorta għandu nefħa li ddejqu u hija ta' inkonvenjenza;

7. L-appellant iressaq l-argument li huwa kien qed isuq b'mod korrett, regolari fuq il-karreġiata tiegħu u b'veloċita' baxxa entro l-limiti regolari u li ma huwiex minnu dak li qalet ix-xhud Mary Carabott li huwa kien għaddej '*sparat, splodut'*. Huwa jillanja li l-inċident ġara unikament tort tas-Sur Carabott, li ma kienx moħħu hemm għax ftit qabel ma seħħ l-inċident kien moħħu x'inhi tgħid il-mara tiegħu. Inoltre, li l-istess ħoloq emergenza subitanea għall-appellant għax minkejja l-isforz li għamel biex żamm il-brake mill-ewwel kienet impossibli għalih li jiskansa l-inċident u li l-parte civile kien fid-dover li bhala 'pedestrian' juza dik il-prudenza sabiex ma johloqx emergenza subitanea;

8. Il-Qorti ezaminat akkuratament l-atti processwali inkluz allura s-sentenza appellata. Minn din is-sentenza jemergi illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi tajba tal-provi li waslitha biex taghti deskrizzjoni tad-dinamika tal-accident. Il-provi juru b'mod inkonfutabbli li dan l-accident ma setghax jigri mod iehor ghajr kif deskritt mill-parte civile. L-iprem prova fost kollox, u kif korrettament issenjalat l-ewwel Qorti, huma l-offizi subiti mill-parte civile li juru li fil-mument tal-impatt kien qed ihares lejn ix-xellug tat-triq u hija impossibbli li f'dak il-mument kien qieghed bil-bieba tal-vettura tieghu miftuha. Dawn l-offizi huma inkontestati sia dwar id-deskrizzjoni taghhom kif ukoll dwar il-klassifika fil-grad ta' gravita';

9. L-ewwel Qorti kellha ghad-disposzzjoni taghha sia xhieda diretta kif ukoll dik indizzjarja. Kwantu x-xhieda diretta ghazlet li temmen il-verzjoni tal-parte civile sostanzjata minn dik ta' martu u warbet ghal kollox il-verzjoni tal-imputat. Haga din li kellha kull diskrezzjoni li taghmilha basta li l-provi u c-cirkostanzi ma jindikawx mod iehor. Il-provi indizzjarji juru kif l-ewwel Qorti ghamlet xelta tajba bejn iz-zewg verzjonijiet;

10. Tajjeb li jinghad in tema kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanneul Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but*

*that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded toghether may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

11. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan l-insenjament kollu f'paragrafu wiehed bis-segwenti bran:

12. *Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista' twassal ghal htija* <u>*b'mod ragonevoli*</u> *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'*.

13. Issa, fost l-provi indizzjarji f'dan il-kaz hemm l-offizi fuq il-persuna tal-parte civile, in-nuqqas assolut tal-hsara fuq il-bieba tal-vettura tieghu u nuqqas ta' offizi li talvolta kellhom ikunu subiti f'kaz li l-vann laqtu waqt li kien magenb jew

quddiem il-bieba miftuha. Dawn huma kollha univoci u jippuntaw f'direzzjoni unika favur il-verzjoni tal-parte civile;

14. Huwa indiskutibbli li anke l-utent tat-triq bil-mixi ghandu d-doveri tieghu kif tajjeb qal l-appellant ghaliex id-"duty of care" u d-"duty to keep a proper look out" tinkombi ukoll fuq il-pedone li ghandu jevita milli johloq emergenza subitanea fuq is-sewwieq. F'dan il-kaz, izda, l-parte civile ma holoq ebda tali emergenza. Kien l-appellant li meta ra lill-parte civile minn distanza ferm qabel, konsapevoli tal-posizzjoni tal-mirja tieghu, rah jitkellem mal-mara u jghid li baqa' jitkellem "eye to eye", ma kellux il-buon sens biex iqieghed il-vettura tieghu f'posizzjoni tali biex ma jolqotx lill-utent li wara kollox ma kienx sporgut 'l barra fit-triq izda quddiem il-fanal tal-lemin tal-vettura tieghu;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravju kwantu l-apprezzament zbaljat tal-provi u l-kontributorjeta' tal-parte civile qed ikunu michuda;

*16. Huwa ritenut li "hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" [10.8.1963]) li fi "Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) , Il-Qrati Ingliżi kienu irritenew li :- "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

17. Kwantu l-appell jindirizza l-aspett punittiv, din il-Qorti ma tara xejn esagerat jew sproporzjonat fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tikkomina piena karcerarja sospiza b'dan illi z-zmien tas-sospensjoni ghal tlett snin huwa aktar minn dak desiderabbli fi kwistjoni tal-involontarju. Ghalhekk qed tirriduci t-terminu ta' sospensjoni skond l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ghall zmien sena. Kwantu z-zmien tas-sospensjoni tal-licenzja, din hija konsegwenza tassattiva fil-minimu ta' tlett xhur. Il-Qorti hi tal-fehma li ma ghandhiex tittempra dan iz-zmien ta' sospensjoni li fi kwalunkwe kaz ma jistghax ikun ta' anqas minn tlett xhur skond id-disposizzjoni tal-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-waqt illi tichad l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni wiehed in parti u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata kwantu sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u kwantu ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur, tibdilha f'dik il-parti li biha kkundannat lill-imputat ghal-piena ta' prigunerija ghal-zmien tlett xhur sospizi ghall-tlett snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tikkonfermaha kwantu t-terminu ta' prigunerija ta' tlett xhur izda tissospendi t-terminu ghal zmien sena (1) minflok tlett snin.

19. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega l –portata tas-sentenza lill-appellant.